MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2005

Appell Kriminali Numru. 232/2004

**Il-Pulizija**

**v.**

***… omissis …***
**Karl Borg**
***… omissis …***

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Damian Paul Galea, Karl Borg u Miguel Caruana talli:

"f'dawn il-Gzejjer fit-13 ta' Novembru 1998, u matul dawn l-ahhar sitt (6) xhur, f'Malta f'hinijiet differenti kellkom fil-pussess taghkom medicina ristretta u psikotropika (ecstasy) meta ma kontux awtorizzati kif imiss bi ksur tar-regolament 5(1) tal-Avviz Legali 22 tal-1985 kif

sussegwentement emendat u 35B (li llum saret 40A) u 89A (illum saret 120A) u tielet skeda tal-Ordinanza dwar il_Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha Kap 31 tal-Ligijiet ta' Maltya u artikolu 16 tal-Att V tal-1985 kif emendat, aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, ikkonsenjajtu medicina specifika u psikotropika (ecstasy) lil xi persuna ohra li ma kienx spizjar diligenti, jew ma kienux xort'ohra awtorizzati bil-mod xieraq biex ikollu fil-pussess tieghu bi ksur tar-regolament 10(2) tal-avviz legali 22 tal-1985 u kif sussegwentement emendat u 35B (li llum saret 40A) u 89A (li llum saret 120A) u t-tielet skeda tal-ordinanza dwar il-Professjoni Medica u l-professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta u l-att V tal-1985, kif emendat".

Il-Qorti giet mitluba li minbarra l-piena stabbilita mil-ligi, tordna lill-imputati jhallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tad-19 ta’ Ottubru 2004 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imputati "hatja ta' l-imputazzjoni maghmula kontrihom fiz-zewg partijiet taghha" u, sa fejn hu rilevanti ghal dan l-appell, ikkundannat lil Karl Borg ghal piena ta' xahrejn prigunerija u multa ta' sebgha u sittin liri Maltin (Lm67) u ghall-hlas tas-somma ta' tnejn u erbghin liri Maltin u ghoxrin centezmu (Lm42.20) bhala sehmu mill-ispejjez ta' l-esperti, b'dan li fin-nuqqas ta' hlas tal-multa jew ta' l-ispejjez, dawn jinbidlu f'jum prigunerija ghal kull Hames liri Maltin (Lm5) mhux imhallsa, u ordnat id-distruzzjoni tad-droga taht il-harsien tar-Registratur tal-Qorti;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-imsemmi Karl Borgipprezentat fis-26 ta’ Ottubru 2004 li permezz tieghu talab li din il-Qorti, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fejn sabitu hati li kellu l-pussess tal-pilloli ecstasy u lliberatu mill-imputazzjoni fejn hemm indikat ir-regolament 10 (2) ta’ l-Avviz Legali 22 tal-1985, tilliberah minn kull imputazzjoni u htija ohra, u tirriforma s-sentenza billi

thassar l-piena ta’ xahrejn prigunerija u multa ta' Lm67 ghal wahda ta’ liberta kundizzjonata fic-cirkostanzi u jew fin-nuqqas ghal wahda ta’ multa;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Jinghad l-ewwelnett illi l-appellant gie akkuzat b'zewg reati separati cioe` li kellu l-*ecstasy* fil-pussess tieghu u li kkonsenja l-*ecstasy* lil xi persuna mhux awtorizzata. L-appellant mhuwiex jikkontesta s-sejbien ta' htija tieghu dwar l-ewwel imputazzjoni, dik ta' pussess izda qieghed jikkontesta s-sejbien ta' htija dwar it-tieni imputazzjoni.

L-ewwel aggravju ta' l-appellant jirrikjedi ezami u revizjoni tal-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti. Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti (kemm fil-kaz ta’ appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta’ appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

---

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali

L-appellant jghid li fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi meta qalet: "Huwa kien zamm dawn il-pilloli u mbaghad ghaddihom lil Miguel. Karl Borg ried jehles minn dawn il-pilloli u Miguel kien qallu li dawk il-pilloli kienu intenzjonati ghal haddiehor". Hawn, jghid l-appellant, l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta ddecidiet li l-appellant kellu x'jaqsam ma' traffikar ta' pilloli *ecstasy*.

Fil-verita` dan l-aggravju ta' l-appellant ma jaghmilx sens. Il-Qrati taghna dejjem irritenew li kull mezz li bih xi medicina perikoluza jew medicina psikotropika titwassal ghand persuna ohra jikkostitwixxi traffikar. Fl-istqarrija tieghu ta' l-14 ta' Novembru 1998 tal-11.00 a.m. (Dok. SG7 a fol. 17) l-appellant qal testwalment:

**"Irrid nghid li xi tlitt ijiem ilu jien kont iltqajt ma' wiehed li jismu Damian li jahdem mieghi l-Maxims u dan kien taghni [recte: tani] borza tal-karti li kien fiha tmien ecstasy. Dawn jien zammejthom ghandi sakemm ghaddejthom lil Miguel."**

Ghalhekk il-fatt li l-appellant wassal l-imsemmijin ecstasy ghand persuna ohra jikkostitwixxi att ta' traffikar.

It-tieni aggravju, huwa pjuttost ingarbuljat u jghid testwalment hekk:

"li l-appellant Karl Borg barra minn hekk u minghajr pregudizzju ghall-ewwel aggravju, ma kienx akkuzat specifikament bi traffikar taht l-Kap 31 u 101 tal-ligijiet ta' Malta ghax l-istess qorti fis-sentenza taghha illiberat lill-appellant taht l-akkuza li kienet indirizzata lilu taht r-regolament 10(2) ta' l-Avviz Legali 22 ta' 1985 u kif skond l-istess sentenza moghtija mill-ewwel qorti kif emendata bl-artiklu 35, illum tnehha b'Att ta' 2003 u li illum sar 40A u

---

Inferjuri: **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

120A tal-Kap 31, li minnhom l-qorti illiberat lill-istess appellant u li ghalhekk l-qorti ma setghatx izzid hi akkuzi li bihom l-appellant ma kienx akkuzat bihom originaljament!"

Dak li qalet l-ewwel Qorti dwar ir-regolament 10(2) ta' l-Avviz Legali 22 ta' l-1985 kien li, ghalkemm citat mill-prosekuzzjoni fl-imputazzjonijiet dedotti, dak ir-regolament ma kienx japplika ghall-proceduri odjerni u konsegwentement illiberat lill-imputati (fosthom l-appellant) minn kull ksur ta' dak ir-regolament. Din il-Qorti tghid li lanqas kien mehtieg ghall-ewwel Qorti li taghmel dan peress li l-artikoli citati mill-prosekuzzjoni huma biss indikattivi u ma jikkostitwux parti integrali mir-reati addebitati lill-appellant.

Huwa ovvju li meta l-prosekuzzjoni ccitat l-artikoli li dehrilha rilevanti wara t-tieni imputazzjoni addebitata lill-appellant (u lill-ko-imputati l-ohra) hija ccitat regolament zbaljat. Difatti r-regolament applikabbli ghat-tieni imputazzjoni kif migjuba mill-prosekuzzjoni huwa r-regolament 11(2) ta' l-Avviz Legali 22 tas-sena 1985 u mhux ir-regolament 10(2). Ghalhekk jekk l-ewwel Qorti mbaghad pprocediet biex issib lill-appellant hati dwar it-tieni imputazzjoni, hija ma kinitx qed izzid xi imputazzjoni kif allega l-appellant. U hawn din il-Qorti tixtieq tikkummenta dwar il-prattika kostanti li tadopera l-prosekuzzjoni li f' imputazzjonijiet dedotti taht il-Kap 31, tibqa' ticcita l-enumerazzjoni l-qadima ta' l-artikoli li jidhrilha rilevanti ghall-imputazzjonijiet dedotti biex imbaghad f'parentesi tindika wkoll x'inhuma l-godda, minbarra li tibqa' tirreferi ghal Att partikolari (l-Att V ta' l-1985) li emenda l-Kap. 31, prattika li ma tidher li hemm l-ebda htiega ghaliha.

Wara l-konsiderazzjonijiet li ghamlet dwar l-aggravji ta' l-appellant, din il-Qorti tixtieq tirrimarka pero` li fil-kaz odjern hija nnutat li filwaqt li l-appellant (flimkien mal-ko-imputati l-ohra li ma appellawx mis-sentenza dedotta) gie akkuzat fl-ewwel imputazzjoni b'pussess ta' medicina ristretta u psikotropika u rreferiet ghar-regolament 5(1) ta' l-Avviz Legali 22 tas-sena 1985 (bhalma del resto rreferiet ukoll l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha), il-pussess ta' medicina

ristretta huwa kkontrollat bir-regolament 3 ta' l-istess Avviz Legali. L-*ecstasy* hija medicina ristretta li taqa' taht l-Ewwel Skeda ta' l-istess Avviz Legali. Difatti ir-Regolament 2 ta' l-imsemmi Avviz Legali jistipula li "medicina ristretta" tfisser kull wahda minn dawk il-medicini jew sustanzi kimici mnizzlin fl-Ewwel Skeda li tinsab mar-Regolamenti filwaqt illi "medicina specifikata" tfisser kull wahda minn dawk il-medicini jew sustanzi kimici specifikati fit-Tieni Skeda. Ir-Regolamenti mbaghad ikomplu jiddistingwu bejn il-kontrolli mehtiega fir-rigward ta' medicini ristretti u dawk mehtiega fir-rigward ta' medicini specifikati. Ghalhekk is-sejbien ta' htija dwar l-ewwel imputazzjoni, ghalkemm id-dicitura tixbah aktar dak li hemm fir-Regolament 5(1), proprjament kellha tkun bi ksur tar-Regolament 3(1) u mhux tar-Regolament 5(1).

Stranament imbaghad, filwaqt illi l-ewwel imputazzjoni titkellem dwar medicina <u>ristretta</u> u psikotropika, it-tieni imputazzjoni, ghalkemm tirreferi wkoll ghall-*ecstasy*, titkellem dwar medicina <u>specifika</u> (flok "specifikata") u psikotropika. It-test ta' din l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant sejjer jigi riprodott bir-rettifiki opportuni:

"Aktar talli fl-istess data, lok u cirkostanzi, ikkonsenjaw medicina specifika **[*recte:*** specifikata**]** u psikotropika (ecstasy) lil xi persuna ohra li ma kienx **[*recte:*** kinitx**]** spizjar diligenti **[*recte:*** dirigent**]**, jew ma kinux **[*recte:*** kinitx**]** xort’ohra awtorizzati **[*recte:*** awtorizzata**]** bil-mod xieraq biex ikollu **[*recte:*** ikollha**]** fil-pussess tieghu **[*recte:*** taghha**]**.

Din il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju, nonostante l-izbalji li ttiehdu minn min irrediga din l-imputazzjoni, li hawn il-prosekuzzjoni kienet qed takkuza lill-appellant skond kif hemm fir-Regolament 11 (2) ta' l-imsemmi Avviz Legali li jipprovdi hekk:

**"Ebda persuna ma ghandha tikkonsenja xi medicina specifikata lil xi persuna ohra li ma tkunx spizjar dirigent jew li xort'ohra ma tkunx awtorizzata bil-mod xieraq biex ikollha fil-pussess taghha dik il-medicina …."**

L-appellant gie akkuzat li kkonsenja medicina specifikata. Dak li huwa kkonsenja kienet medicina ristretta u mhux medicina specifikata. Ghalhekk ir-Regolament 11(2) mhuwiex applikabbli ghall-kaz in ezami u konsegwentement l-appellant ma setax jinsab hati mill-ewwel Qorti tat-tieni imputazzjoni kif redatta.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant hati tat-tieni imputazzjoni u minflok tiddikjarah mhux hati ta' din l-imputazzjoni u minnha tilliberah, tirrevokaha wkoll in kwantu kkundannat lill-appellant ghal piena ta' xahrejn prigunerija u ghall-hlas ta' multa ta' sebgha u sittin liri Maltin (Lm67) u minflok, wara li rat ukoll il-fedina penali aggornata ghal kollox netta tieghu, tilliberah bil-kondizzjoni (*conditional discharge*) li ma jaghmilx reat iehor matul il -perijodu ta' tliet snin millum a tenur ta' l-artikolu 22 tal-Kap. 152, u tikkonferma s-sentenza appellata fil-kumplament.

Il-Qorti spjegat lill-appellant il-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor matul il-perijodu ta' liberazzjoni kondizzjonata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------